MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 216/2001/1

**Anton Vella**

**vs**

**Josette mart l-istess Anton Vella**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti konjugi Vella inghaqdu fiz-zwieg nhar it-23 ta' Awissu tas-sena 1987 skond ma kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg markat Dok. A;

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti konjugi Vella kellhom zewgt itfal li ghadhom minuri li jisimhom Christabel ta' 12-il sena u Gianluca ta' 4 snin;

Illi z-zwieg ta’ l-istess kontendenti tkisser b’mod irrimedjabbli u konsegwentement isseparaw legalment minn ma xulxin skond ma kif jirrizulta mill-anness kuntratt pubbliku ta’ separazzjoni konsenswali markat Dok B;

Illi z-zwieg tal-kontendenti kien afflitt minn diversi nuqqasijiet, difetti u vizzji stipulat fil-ligi civili skond l-**artikolu 19 (1) tal-Att XXXVII tas-sena 1995** u b’mod partikolari skond is-**subartikoli (a), (d), (f) u (h)** liema nuqqasijiet, difetti u vizzji huma unikament imputabbli lill-istess konvenuta u dana kif ser jirrizulta bl-aktar mod ampju w assolut waqt is-smiegh ta’ dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq esposti u/jew ghal wahda jew aktar minnhom, ghandu jigi dikjarat li z-zwieg tal-kontendenti konjugi Vella huwa null u bla effett legali;

Illi l-istess attur talab li ghalhekk il-konvenuta tghid il-ghala dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi zwieg tal-kontendenti konjugi Vella celebrat nhar it-23 ta’ Awissu 1987 bhala null u bla effett legali minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess konvenuta skond kif fuq premess u okkorrendo taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qed tigi ngunta personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 tal-process;

Rat il-verbal tal-25 ta’ Settembru, 2001 fejn Dr. Raphael Fenech Adami ghal attur ta’ ruhu b’notifikat bl-avviz tas-smiegh. Rat ukoll illi dak in-nhar stess ta’ din is-seduta tal-25 ta’ Settembru, 2001 il-konvenuta tat ruhha b’notifikata bl-avviz tas-smiegh u bic-citazzjoni.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Settembru, 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Dr. Philip Manduca sabiex jigbor il-provi u jirrelata.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol 19 fejn gie eccepit:

1. Illi ghalkemm hi taqbel illi z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null, ir-raguni ghal tali annullament hi in maggor parti imputabbli ghall-attur minhabba l-vjolenza morali li l-eccipjenti giet imgeghla tessiebixxi (*recte*: tissubixxi) u dan *ai termini* tal-**artikolu 19(1)(a) tal-Kap. 225**, u in parti ghal vjolenza morali subita mill-eccipjenti da parti tal-istess genituri taghha. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 20 tal-process;

Rat ir-relazzjoni peritali.

Rat li l-attur irrimetta ruhhu ghar-relazzjoni peritali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Ottubru, 2002 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>A. L-Azzjoni Attrici</u>

Illi din il-kawza saret mill-attur sabiex iz-zwieg tieghu mal-konvenuta li sar fit-23 ta’ Awissu, 1987 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* w effetti kollha tal-ligi. L-attur qieghed jghid illi l-bazi ta’ l-annullament ghandhom ikunu l-**paragrafi (a),(d), (f) u (h) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**. Il-konvenuta filwaqt li taqbel li z-zwieg taghha ghandu jigi ddikjarat null, tghid illi dan ghandu jkun *ai termini* tal-

**paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Sarah Mifsud Scicluna vs Christopher Mifsud**" (Cit. Nru. 174/2002) deciza minn din il-Qorti kif preseduta fis-26 ta' Novembru, 2002 inghad:

"*Illi nonostante l-ammissjoni da parti tal-konvenut il-Qorti xorta ghandha tara jekk l-allegazzjonijiet attrici humiex fondati u dan aktar u aktar f'natura ta' annullament taz-zwieg".*

Illi infatti fis-sentenza **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) inghad:-

*"Illi ghalhekk din il-Qorti xorta ghandha tidhol sabiex akkuratament tezamina l-provi sabiex tara u fl-ahharnett tiddeciedi jekk l-provi prodotti wasslux ghall-konvinciment morali fil-gudikant li jaccetta t-talba attrici ghan-nullita' tal-istess zwieg".*

*"Illi dan ghandu sinifikat iktar partikolari f'kazijiet ta' din ix-xorta ghaliex anke fil-kaz ta' ammissjoni tat-talbiet attrici f'kaz ta' nullita' ta' zwieg fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia** (A.C. 15 ta' Jannar, 2002 - Citaz. Nru: 165/95/VDG" gie affermat il-principju "din il-Qorti ma kienitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, (Prim'Awla, 4 ta' Novembru 1994); **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri",** (Prim' Awla, 3 ta' Ottubru 1995); **"Evelyn Agius vs John Borg"**, (Prim' Awla, 4 ta' Ottubru 1995); **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, (Prim' Awla, 10 ta' Novembru 1995**); "Isabelle Zarb vs Stephen Attard"**, (Prim' Awla, 21 ta' Novembru 1995); **"Terrence Richard vs Maria Concetta Richard nee' Goodlip"**, (Prim' Awla, 22 ta' Frar 1996); **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"**, (Prim' Awla, 31 ta' Jannar 1996); **"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"**, (Prim' Awla, 16 ta' Settembru 1996)".*

In vista ta' dan suespost din il-Qorti sejra tezamina l-paragrafi ndikati mill-kontendenti u f'kaz li ssib illi z-zwieg huwa null taht wiehed minn dawn il-paragrafi allura hija tieqaf hemm u tiddikjara z-zwieg null. L-ewwel paragrafu li sejjer jigi ezaminat huwa proprju l-**paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**(B) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi jidher li l-attrici bbazat it-talba taghha fuq diversi ragunijiet, wahda minnhom abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** li jipprovdi li:-

*"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew bil-biza"*

Fil-ktieb intitolat "**Code of Canon Law Annotated**" mitbugh minn Wilson & Lafleur Limited' (Ed. 1993) a fol. 696 jinghad b'referenza ghall-kanonu 1103 illi:-

*"The legislator has established the invalidity of consent given under the influence of force or fear not so much because of the injury suffered by the contracting parties and by the institution but because force or fear attacks the freedom necessary for contracting marriage. This freedom is a requirement of natural law…".*

Illi jkompli jinghad f'dan il-ktieb illi:

"*Moral coercion and fear are related in terms of cause and effect. Consequently while force acts in the external expression of consent, moral coercion and its effect – fear – acts on the internal psychic state of the contracting party and vitiates the origin of consent. While force, insofar as it materially compels the external expression of consent, does not leave any option to the subject between accepting marriage or not, moral coercion involves a defect in the consent because the subject accepts marriage albeit because of fear induced by the threat of some evil. While force is physically irresistible, fear is morally so.*"

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"…biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi din il-Qorti sejra taghmel l-osservazzjonijiet taghha fuq is-segwenti artikolu.

Illi dan l-artikolu jista' jigi maqsum fis-segwenti mod:

(a) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi "*vjolenza fizika"*;

Illi fil-"**Code of Canon Law Annotated**" (*sup. Cit*) jinghad a fol. 696 illi: *"Violence or physical force (vis compulsiva, vis corpori illata) is a truly material coercion of the organs of external expression of the person for obtaining through this violence the external affirmative sign".*

Illi jizdied u jinghad ukoll mill-istess ktieb hawn appena citat illi:

*"When the external signs, with which the contracting parties manifest their consent, have been obtained by the use of physical force (for example, forcing them to nod as a sign of assent), the marriage is null for the lack of consent. Cases in which there is terror causing fear or where the fear is so great that the victim is deprived of the use of reason should be considered equivalent to lack of consent".*

(b) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi *"vjolenza morali"*;

Illi fil-"**Code of Canon Law Annotated**" (*sup. Cit*) jinghad a fol. 696 illi *"Moral Coercion (vis impulsiva, vis animo illata) is the psychological pressure exerted by the agent over the passive subject by means of threats".*

Illi fis-sentenza **“Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo”** deciza fit-13 ta’ Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta’ vjolenza u biza’ f’din il-materja. Sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:-

*“trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti.”*

Illi wkoll, fil-kaz **“Anthony Gatt vs Doreen Gatt”** (P.A. (FD) deciza fil-25 ta’ Gunju, 1993), inghad illi:

*“… il-vjolenza morali trid tkun ta’ natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilta` lil min ikun li jisfuggi minnha.”*

Illi l-kunsens moghti taht l-effetti ta’ vjolenza fizika jew morali, jew b’biza’, mhuwiex kunsens hieles u ghalhekk ma jistax jitqies li hu validu biex jorbot il-parti konsensjenti.

Illi ***G. Lesage*** jghid hekk:-

*“physical or moral violence is pressure exerted by an outside agent on a future spouse, in order to influence his or her actions. Fear is the effect which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse”* **(Brown – “Marriage Annulments”** London 1971 – **“Lorenza sive Laura Muscat vs Dr. Paul Micallef nomine”** (P.A. 17 ta’ Frar 1988).

Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet “**Josette Spiteri nee’ Scicluna vs George Spiteri**” deciza fid-9 ta’ Frar, 2001 qalet illi:

*“Ir-rejalta guridika f’kawzi ta’ din in-natura hi illi gjaladarba l-Att dwar iz-Zwieg iddivorzja ghal kollox il-process civili dwar l-annullament mill-process kanoniku, tant li l-ligi kanonika m’ghadx ghandha effett bhala parti mill-ligi ta’ Malta (Artikolu 35 tal-Kap. 255), allura ‘civiliter’ iz-zwieg ukoll ghandu, u kellu, jigi konsidrat bhala kuntratt, anke jekk ta’ natura partikolari. Dejjem pero’ minghajr ma wiehed jiskarta ghal kollox l-insenjament tad-dritt*

*kanoniku, li fuqu, f'certi aspetti hi modellata l-ligi fl-Att dwar iz-Zwieg".*

Illi ghalhekk il-Qorti hija intitolata taghmel referenza ghall-artikoli tal-ligi, specjalment dawk li jinsabu fil-Kodici Civili u li jitkellmu fuq il-kuntratti.

Illi ezami tad-dispozizzjonijiet tal-**Kodici Civili ta' Malta** huwa wkoll relevanti, tant li l-**artikolu 978 tal-Kap 16** jipprovdi li:-

*"(1) Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggieghlha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira".*

*"(2) F'dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-eta', s-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna"*

Illi skond dan l-artikolu, l-vjolenza trid tkun daqshekk serja mhux biss li timpressjona *'persuna ragonevoli'* imma li l-hsara li ser tigi rekata tkun ingusta u gravi.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Mary Bilocca vs Gaetano Bilocca"** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Mejju 1990) *"il-vjolenza giet imfissra bhala 'a pressure exerted by an outside agent on a future spouse in order to influence his or her actions'* u biza' bhala '*the effect which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse'."*

Illi fil-kaz **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (P.A. (VGD) 3 ta' Ottubru 1995 gie sostnut li l-gravita' ta' vjolenza necessarja trid tigi ezaminata fil-kaz in kwistjoni tant li nghad illi:-

*"La 'gravitas' e' dunque da riferirsi al 'metus' il quale va considerato nel particolare contesto soggettivo di caiscuna fattispecie. Si tratta, dunque di una qaulificazione che dev'essere ricostruita caso per caso dalla gurisprudenza. Il timore deve comunque essere considerato grave quando, dopo un'attenta valutazione*

*delle circostanze del caso e sopratutto della personalita' del violentato, appare che, dal punto di vista di quest'ultimo, il matrimonio era da considerarsi l'unico scampo per sfuggire il male minacciato. Di piu', e' sempre dalla parte del violentato la scelta matrimoniale deve apparire, per essere l'effetto di un 'metus' realmente grave, come un comportamento razionale, cioe' tale da potersi dire 'giustificato' in rapporto all'importanza di una deliberazione come quella di sposarsi, alla quale non ci sarebbe alrimenti decisi. Si deve anzi osservare a questo proposito che l'avversione al matrimonio costituisce almeno un indice sul quale la giurisprudenza rotale insiste molto, per poter ritenere la presenza di una violenza condizionale l'opzione matrimoniale causata da uno stato di grave timore".*

a. Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bil-<u>biza'</u>;

Illi fil-"**Code of Canon Law Annotated**" (*sup. Cit*) jinghad a fol. 696 illi *"Fear on the other hand, is the consternation in the mind of the subject caused by the psychological pressure or moral coercion (and the subject is forced to choose marriage in order to free himself or herself of it)".*

Illi jkompli jinghad f'dan il-ktieb (a fol 697) illi hemm diversi tipi ta' biza fosthom:

*"i. The fear must be the antecedent cause of the expression of consent by the victim.*

*The legal norm requires a casual relationship between the fear suffered and the celebration of marriage. It seems obvious that fear cannot be the cause of nullity if the person who has been subjected to threats, even seriously, has not been influenced by them. Regarding this matter, it is useful to consider the distinction between antecedent and concomitant fear. Antecedent fear is that which acts as a principal motivating cause of marriage so that without it the marriage would not have been celebrated. On the other hand, concomitant fear is present at the celebration as a supplementary motive, but not as the principal cause.*

*The marriage is null if it is celebrated because of fear (antecedent), but not if it is only contracted with fear (concomitant).*

*ii. Reverential Fear*

*This concerns a practical situation, which, because of its considerable frequency is well grounded in doctrine and jurisprudence. It designates the fear of an evil the particular gravity and external character of which indicate that the relationship of subordination and reverence which exists between the superior who inflicts the fear and the inferior who suffers it, plays a principal role. The characteristic features of reverential fear are: that there be a dependent relationship according to which an inferior owes deference and respect to a superior (between parents and children, guardian and ward, worker and management, etc.); that there be a well-founded fear of provoking serious and lasting indignation of the superior if marriage is not accepted; and that the coercion is brought about by the latter by different means which give rise to a real state of oppression in the mind of the inferior, precisely as an inferior. It must be understood that the complete disappearance of the requirement of directly inflicted fear for common fear also favours reverential fear; this enables reverential fear to be considered invalidating when the superior did not inflict the threats with the intention of forcibly obtaining consent, provided that the threats gave rise to real disturbance in the mind of the victim and, consequently, led to the choice of a marriage which would never have been celebrated without this coercion".*

Illi kif diga inghad supra fil-kawza "**Scicluna vs Spiteri**" *'iz-zwieg ukoll ghandu, u kellu, jigi konsidrat bhala kuntratt'.*

Illi l-**artikolu 978 tal-Kap 16** jipprovdi li:-

*"(1) Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggieghlha*

*tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira"*

*"(2) F'dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-eta', s-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna"*

Illi skond dan l-artikolu, l-vjolenza trid tkun daqshekk serja mhux biss li timpressjona *'persuna ragonevoli'* imma li l-hsara li ser tigi rekata tkun ingusta u gravi.

Illi **l-artikolu 980 tal-Kap 16** jiddistingwi bejn biza' u *"reverential fear"* li ma tkunx bizzejjed biex igib in-nullita' tal-att kontratwali. Ta' min josserva li, izda l-**Kap 255** ma jaghmilx din id-distinzjoni u ma hemm xejn li jeskludi li *'biza reverenzjali'* jekk tkun gravi bizzejjed, milli tikkwalifika wkoll bhala vizzju tal-kunsens matrimonjali.

Illi din il-Qorti taghmel referenza, a skans ta' ripetizzjoni dak li diga nghad minnha wkoll fuq dan is-suggett ta' biza' fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**" (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u "**Nicolai Balzan vs Simone Cremona**" (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000).

Illi fil-kaz **"Joseph d'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (FD) 20 ta' Gunju 1994) inghad illi:-

*"Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid".*

Illi l-biza' tista' tkun ukoll "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza' lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru,1982) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza' ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi*

*ntiz, biza' fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza' li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza' li taqa' taht l-**artikolu 19 (a)**."*

In oltre, fil-kawza fl-ismijiet "**Sarah Mifsud Scicluna vs Christopher Mifsud**" (Cit. Nru. 174/02) deciza fis-26 ta' Novembru, 2002 inghad:

"*Illi ma hemmx dubju li l-biza' tista' tkun immedjata, ghaliex kreata minn persuna direttament fuq persuna ohra, jew medjanti sitwazzjoni li tikkawza certu biza' f'dak li jkun*".

Illi jigi wkoll osservat li l-**Att taz-Zwieg tan-1975** kien impona limitazzjoni ta' sena zmien, dekorribbi minn meta l-persuna li kienet tat il-kunsens vizzjat, tigi mehlusa mill-vjolenza (**artikolu 20 (c)**). Din ir-restrizzjoni applikabbli wkoll ghall-kaz ta' zball fuq l-identita' tal-persuna, giet skartata fl-emendi introdotti fis-sena 1981, b'rikonoxximent tan-natura essenzjali tal-kunsens matrimonjali bhala att kostituttiv taz-zwieg. Jekk il-kunsens ma jkunx integru minhabba vizzju msemmi fil-Ligi, ma hemmx possibilta' li dan il-kunsens ikun jista' jigi sanat. Iz-zwieg jitqies *ab initio* null.

Illi bl-emendi tal-1981, il-biza' giet introdotta bhala vizzju ta' kunsens ghall-fini tan-nullita' taz-zwieg donnu b'zieda ghall-kuncett ta' vjolenza morali. Fil-fatt, ezami tal-gurisprudenza rotali turi li l-*"is animo illata"* jew *"moral coercion"* hu relattat mal-biza' f'relazzjoni ta' kawza u effett. Il-biza' hija l-effett tal-vjolenza. Izda id-dicitura tal-**artikolu 19 (1) (a)** thalli possibilta' li l-biza' tigi kkunsidrata bhala kap ta' nullita' apparti dak ta' vjolenza morali.

Illi l-gravita' tal-*'metus'* jitqies mhux biss oggettivament imma wkoll relattivament skond il-persuna li qed tissubbixxi l-vjolenza. Ghalhekk il-'*metus'* hu relattiv ghas-

suggett izda b'dan biza' merament pwerili mhux ser tkun bizzejjed biex tannulla l-element tal-kunsens.

Illi **J.F. Castano** jispjega l-biza' reverenzjali b'dan il-mod:-

*"oggettivamente il metus reverentialis non e' grave, ma a causa di diverse circostanze si puo' convertire in metus gravis per una determinata persona. Gli autori e le sentenze ricordano alcuna di queste circostanze come ad esempio: la vergogna naturale di disobbedire ai genitori, il timore di recare un dispiacere ai mediesimi, la paura di provocare una irritazione magari passeggere agli stessi genitori"* tant li *"il timore reverziale causato da persone a cui il soggetto che lo subisce e' legato con speciali vincoli di sangue, di affetto, di gratutudine, di venerazione, o di sudditanza, a ragione di ufficio o lavoro. Il male immininente o probabile che essa intende evitare non e' costuito solo dal pericolo di perdere l'eredita', l'affetto, il lavoro, di essere cacciato fuori di casa, di essere esposta all'imfamia se si tratta di ragazza madre, ma anche il solo fatto di procurare ai suoi genitori o familiari o superiori, per la mancata adesione alla loro volonta' 'dispiacere' o 'indignazione'.* L-istess awtur jghid li l-mod kif id-dispjacir jew indinjazzjoni jigu manifestati, per ezempju, skiet, dak li tissejjah bhala *'freddezza'* jew bruda, theddid jew rimproveri, fihom infushom mhumiex gravi *"pero' lo possono essere nella situazione concreta divenuta impossibile. Per porre fine a questa situazione, persona che' ne' e' vittima, si arrende alla volonta' altrui accettando le nozze come unica strada di uscita con una scelta senza piena autonomia"* **(Castano "Il Sacrimento del Matrimonio"** pg. 398).

Illi fis-sentenzi li nghataw fil-kawzi fl-ismijiet **"John sive Ivan Sammut vs Michelle Sammut"** (P.A. (N.A.) 22 ta' Gunju 1995), **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (P.A. (NA) 14 ta' Awissu 1995) u **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (P.A. (NA) 3 ta' Ottubru 1995) gie spjegat li r-relazzjoni bejn il-vjolenza morali (a differenza ta' dik fizika, li fil-kaz *in dizamina* certament ma kienetx tezisti) u l-biza' hija wahda ta' kawza w effett. Illi

fil-kawza fl-ismijiet **"Rosanne Cassar vs Kenneth Cassar"** *(*P.A. 19 ta' Ottubru 1998) il-Qorti qalet hekk:-

*"Biex jista' jinghad li l-kunsens ikun ivvizzjat bil-biza' fis-sens tal-ligi taghna, jehtieg li dik il-biza' tkun tali li mhux biss akkompanjat il-kunsens izda ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Fi kliem iehor il-biza' trid tkun, fil-kaz konkret, ta' certu portata b'mod li tkun tista' tiddetermina kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Il-kunsens matrimonjali jkun inghata minhabba l-biza' u mhux minkejja dik il-biza'"*.

Illi naturalment biex wiehed jara jekk tezistix din il-biza', jridu jigu ezaminati l-fatti u c-cirkostanzi kollha, sew dawk li precedew iz-zwieg kif ukoll dawk vicin u aktar qrib id-data taz-zwieg. Fis-sentenzi hawn fuq citati nghad li l-vjolenza morali jew biza' *in dizamina* jrid ikollha kawza esterna ghal persuna li tkun qed tissubixxi dik il-vjolenza jew biza'.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe."** (Prim' Awla - 17 ta' Frar 1988), qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19(1)(a)**, il-biza' jrid jkun ta' certu gravita', pero` jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' jkun relattiv meta jkun tali li jekk impost fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li huwa relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna.

Illi fil-kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi"**, (Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta' Mejju 1988), il-Qorti qalet illi *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear".*

Illi pero', kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn***, u ***Brown R.*** *"there must also be some objective gravity that is at least*

*prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta' '*biza'* xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **"Mary Lourdes Spiteri vs Christian *sive* Cristino Spiteri",** (P.A. (FD) fis-6 ta' Lulju 1993), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"ghal dak li jirrigwarda l-biza' din tista' tigi definita fi trepidazzjoni jew ecitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta' dak il-hin, kemm minn haga li tista' tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista' jigrilu."*

Illi fil-kawza **"Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe."** (P.A. (F.D.) fit-12 ta' Marzu 1992), il-Qorti ddefiniet biza' bhala *"dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta', hekk li, precizament minhabba din il-biza', 'quis cogatur ad contrahendum matrimonium'."*

Illi fis-sentenza **"Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca",** (P.A. (FD) -16 ta' Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza' hija *"the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse."*

Illi l-istess inghad fil-kawza **"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (FD) 28 ta' Gunju 1994), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Il-biza' tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid."*

**(C) XHIEDA**

Illi **l-attur** fid-dikjarazzjoni tieghu (para. 5 a fol. 3 tal-process) jghid illi "*sejjer jirrizulta li l-konvenuta martu kienet ikkonsentiet li tinghaqad fiz-zwieg mal-attur in vista tal-bizgha tremenda u vjolenza morali li hija kellha provvenjenti mill-familjari mmedjati taghha minhabba l-ambjent hazin hafna tad-dar tal-genituri taghha u kif ukoll minhabba biza sostanzjali gejja minn certu agir insolitu ta' l-istess attur*".

Illi fl-affidavit tieghu l-attur jghid illi minhabba l-agir "*fitt da parti ta' omm il-konvenuta*", huma t-tnejn iddecidew li jqarrbu d-data tat-tieg u dan sabiex il-genituri taghha ma jkomplux jindahhlulhom. Din id-decizjoni ttiehdet minkejja li l-kontendenti odjerni ma kienux f'qaghda finanzjarja tajba, u lanqas ma kellhom dar fejn imorru joqghodu. Jghid l-attur *"… l-agir ta' omm Josette beda jgenninha, ma felhitiex aktar u xtaqet tohrog mid-dar tal-genituri taghha kemm jista' jkun malajr*". Jghid ukoll l-attur illi *"jiena gieli kont prezenti ghal diversi clashes/tilwim li ta' sikwit kien beda jinqala bejn Josette u ommha. Gieli anke gew fl-idejn – ma kienux jahslu hwejjigha u f'xi drabi anke tefghulha hwejjigha l-barra – Josette kienet issibhom ippakkjati barra fil-borza tal-garbage*". Jkompli jghid l-attur "*problema ohra li konna niffaccjaw anzi li ta' kuljum Josette kienet tiffaccja fid-dar tal-genituri taghha kien il-fatt li missierha kien alkoholiku*". Il-konvenuta meta kienet tkun iffaccjata b'dawn il-problemi kienet tibqa' kwieta w izzomm kollox go fiha.

Illi xehdet ukoll bil-procedura ta' l-affidavit, **omm l-attur**, **Angela Vella** li qalet illi l-konvenuta "*kienet tqatta hafna hin id-dar tieghi, naturalment meta ma tkunx xoghol u dana sabiex tahrab mill-problemi li hija kellha fid-dar tal-genituri taghha*". Tghid illi "*kien hemm diversi problemi serji ohra gewwa d-dar ta' Josette (il-konvenuta). Per ezempju naf li ommha kienet tiehu l-kalmanti minhabba li kienet tbghati minn depressjoni filwaqt li missierha kellu l-problema tax-xorb*". Izzid tghid illi "*dan kien it-tip ta' komportament tal-genituri ta' Josette, liema*

*komportament tant kien itiha gewwa li dejjem kienet tfittex kif sejra tahrab minn dan l-istat gewwa d-dar taghha*". L-indhil ta' omm il-konvenuta kompla jigi spjegat minn din ix-xhud meta f'okkazzjonijiet partikolari, omm il-konvenuta hassret pjan li kellhom il-kontendenti sabiex jisselfu xi flus sabiex jixtru d-dar matrimonjali taghhom. Omm il-konvenuta ma qablitx li bintha tmur tghix gewwa l-Mosta u dan peress li skond hi dan huwa rahal.

Illi xehdet ukoll permezz tal-procedura ta' l-affidavit il-konvenuta **Josette Vella**. Tghid illi hija kellha hmistax-il sena meta ltaqat mal-attur u zzewget meta kellha dsatax-il sena. Bhala karattru tghid il-konvenuta "*li jiena maghluqa hafna fija nnifsi. Dan jista jkun kagun tal-ambjent familjari li trabbejt fih. Missieri kien jixrob hafna u spiss kien jisker. Ommi u missieri dejjem jiggieldu minhabba f'hekk. Ommi mill-banda l-ohra hi mara dominanti hafna, trid tindahal f'kollox u maghna kienet timxi b'id tal-hadid. Ma kelli ebda konfidenza la ma missieri u lanqas ma ommi u ma kont nitkellem maghhom fuq xejn. Ma nistax nghid li kont ferhana d-dar u l-uniku hsieb li kelli hu li nikber, nizzewweg u nitlaq mid-dar".* Tkompli tghid dwar ir-relazzjoni taghha u tal-attur illi: *"ghall-ewwel lil Anton rajtu bhala s-salvatur tieghi li kien se jehodni mill-ambjent li kont nobghod".* Dwar il-karattru ta' l-attur tghid il-konvenuta li dan kien dominanti hafna u dejjem kienu jispiccaw jaghmlu dak li ried l-attur u jmorru fejn ried l-attur. Tghid *"il-kelma jew xewqa tieghi ma kenitx tezisti".* Anke dwar decizjonijiet li hija xtaqet tiehu, bhal perezempju meta hija wriet ix-xewqa li ssir *Air Hostess*, dawn kienu jigu decizi mill-attur. Fil-fatt l-attur ma riedx li l-konvenuta ssir *Air Hostess* u hekk fil-fatt gara. L-attur hedded lill-konvenuta illi jekk hija kienet ser issir *Air Hostess*, allura huwa kien ser jitlaqa. Hija ma xtaqitx li l-attur jitlaqa peress li dan kien l-uniku mezz biex hija titlaq mid-dar. L-attur kien qabad drawwa ukoll illi jhedded lill-konvenuta b'ommha billi jekk kien ikun hemm xi haga li huwa ma kienx jaqbel maghha, huwa kien jghidilha illi kien ser jghid lill-omm il-konvenuta sabiex tintervjeni. L-attur kien jaf kemm il-konvenuta kienet tibza' minn ommha. Il-konvenuta tghid illi hija ma kienitx thobbu lill-attur, pero` hija ma qaltlu xejn ghax

riedet tahrab mis-sitwazzjoni li kienet fiha d-dar. Dwar il-pressjoni li kellha l-konvenuta tghid is-segwenti. *“Qrib l-gherusija ddecidejt li ma nistax nibqa mieghu u ghalhekk ghidtlu li ma ridtx inkompli nohrog mieghu. Ir-rejazzjoni tieghu kienet ghal kollox mhux mistennija. Beda jghajjat u jghidli li jekk nitilqu kien ser joqtol ruhhu b’idejh u tant impressjonani bix-xenata li kien ghamel li ma ghaddiliex minn mohhi li seta’ kien qed jilghab karta izda hadtu bl-ikbar serjeta. Lill-ommi u lill-missieri ma kontx nitkellem maghhom u ma kelliex hbieb li nafda, apparti u kif gia ghedt ma tantx kont nitkellem ma hadd. Allura bil-biza’ li veru kien ser joqtol ruhu b’idejh jekk nitilqu, jiena bqajt ghaddejja bl-gherusija li kienet wahda semplici hafna fil-familja. Ghalkemm gieli dahalli l-hsieb li nahrab mid-dar u nitlaq ghal rasi pero` qatt ma wasalt biex naghmel hekk peress li l-ewwel nett kont nibza’ minn ommi li ssibni u ttini xi xebgha u fit-tieni lok ma kelliex fejn immur u ma kelliex flus. Nghid li l-pressjoni li kkrejali Anton bit-theddid ta’ suwicidju nehha kull hsieb minn mohhi li nahrab*”.

Illi dwar il-pressjoni li kien qieghed ikollha l-konvenuta tghid illi *“il-pressjoni fuqi, nonostante dan kollu, baqghet tikber sakemm konfrontata bir-realta taz-zwieg opposta ghal hajja d-dar jien ma flahtx aktar u ergajt ghidtlu li ma kontx lesta nizzewweg. Kont naf li issa anki ommi kienet ser tehodha kontrija u min jaf x’kienet tghamilli peress li nkun imbarrazzajtha ma familtha pero` xorta l-prospett ta’ hajja shiha ma Anton ma stajtx naffrontaha. Din id-darba pero` Anton irreagixxa b’aktar vjolenza. Niftakar konna qeghdin wahedna d-dar ta’ ommi u kif ghidtlu x’kelli f’mohhi, ghalkemm b’biza’ kbir, hu beda jghajjat u jghati b’idejh u jhabbat rasu mal-hajt u jhedded li jekk nerga nghidlu li ma nizzewgux kien ser joqtol ruhu b’idejh u kien ikun htija tieghi. Din ix-xenata baqghet sejra ghal xi hin tant li jien marli kull kuragg li seta’ qatt kelli li naghmel dak li ridt. Il-biza’ u l-pressjoni ghamlu taghhom u ddecidejt b’mod tassew ingenwu illi ma nistax naghmel li ridt b’hajti, nikkuntenta lil kulhadd bl-isperanza li “I could make it work*”.”

Illi **l-attur** in kontro-ezami jghid illi “*l-konvenuta kienet tobdi hafna drabi dak li kont nghid jien avolja ma kontx*

*nordnalha izda kont nissugerixxi*". Jammetti ukoll l-attur illi "*gieli kont nghidilha li jekk ma taghmilx dak li nghidilha jien kont nirraporta dan lil ommha. Naf li kienet tibza' minn ommha*". L-attur jkompli jghid illi "*darba niftakar li ftit qabel ma zzewwigna, wara glieda mal-genituri tal-konvenuta, l-konvenuta kienet qaltli li riedet tkisser iz-zwieg u jiena ippanikjajt tant li bdejt inhabbat rasi mal-hajt u nghati l-impressjoni li jekk thassar jiena kont nghamel xi haga drastika*". U "*illum nghid li f'dak iz-zmien jista jkun li marti uzat lili biex tehles mill-genituri taghha u fl-istess hin kienet thossa marbuta mieghi biss ghal konvenjenza. Hi ma kellhiex triq ohra x'taghmel biex titlaq mid-dar. L-uniku soluzzjoni ghaliha kien iz-zwieg*".

Illi din il-Qorti semmiet *in extensio* ix-xhieda tal-partijiet hawn fuq mhux sabiex tnaqqas mill-mertu tal-konkluzjonijiet tal-abbli Perit Dr. Philip Manduca, ma liema konkluzjonijiet din il-Qorti taqbel maghhom u taghmilhom taghha izda sabiex tkompli issahhah l-argumentazzjoni migjuba, senjatament f'dak li jirrigwardaw l-**paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi fir-rigward tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d)** il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha "**George Ciantar vs Patricia Ciantar**" (P.A. (RCP) 31 t'Ottubru 2002 - Cit Nru: 2401/97/RCP) u ghall-principji hemm enuncjati u taqbel ukoll mal-konkluzjonijiet peritali u senjatament:

*"Illi mill-provi jirrisulta li l-konvenuta riedet tuza' z-zwieg biex titlaq mid-dar tal-genituri taghha fejn ma kienitx kuntenta. Jirrizulta wkoll li l-attur kien dominanti hafna fil-konfront tal-konvenuta u meta hi wriet ix-xewqa li ma tkomplix bil-pjan taghhom biex jizzewgu hu rreagixxa b'tali vjolenza li hi bidlet fehmtha.*
*Illi l-attur jilmenta hafna minn nuqqas ta' sess waqt iz-zwieg izda ma jghid xejn dwar l-imhabba.*

*Jirrizulta li l-konvenuta ma kienitx f'stat li setghet taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg.*

*Hi riedet titlaq mid-dar u sbaljatament hasbet li l-uniku mezz biex titlaq hija biex issib "salvatur" sabiex tizzewweg.*

*Ghalkemm dawn il-fatturi jekk jittiehdu wahedhom u isolatament ma jwasslux ghall-konkluzjoni li z-zwieg ghandu jigi ddikjarat null, pero' meta dawn il-fatturi jittiehdu flimkien u fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-hajja tal-kontendenti m'ghandux jibqa' dubbju li l-konvenuta kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ghar-rigward tal-hajja mizzewga u d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha fil-mument li tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg in kwistjoni.*

*Mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta li huma ma fehmux x' ifisser iz-zwieg, ma hasbux fuq fatturi mportanti u essenzjali taz-zwieg. Il-konvenuta wzat iz-zwieg bhala mezz biex titlaq mid-dar konjugali u l-attur naqas li jipprova jifhem il-bzonnijiet tal-konvenuta u jikkunsidra tajjeb il-pass importanti taz-zwieg.*

*Fil-kawza NA vs. RA deciza mill-Qorti tal-Appell 29/10/1999 l-Qorti tal-Appell ghamlet riferenza ghal gurista Colagiovanni:*

*"il matrimonio, in quanto patto ossia foedus...richiede una capacita intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro controatto che e per lo meno rescindibile, in casi determinati dalle legge, richiede quindi una integrita di mente e di liberta dato che .... Si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita".*

*Illi fl-istess sentenza hemm riferenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' Viladrich:*

*"Thus, there is a grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable planner, the essential rights and duties of marriage which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of*

*comprehension and, of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of spouses as well as the procreation and education of the offspring."*

*Illi f'dan il-kaz mhux kontestat li l-konvenuta giet influwenzata biex tizzewweg kemm mis-sitwazzjoni fid-dar taghha u kemm mill-agir tal-attur. Mhux kontestat li l-konvenuta kienet tiehu kalmanti minflok tipprova ssolvi l-problemi taghha.*

*L-attegjament tal-konvenuta kif giet diskritta minn omm l-attur huwa sintomu tal-fatt li l-konvenuta ma kienitx preparata ghaz-zwieg. Bersini jghid: "L'incapacita di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale rende la persona inabile al matrimonio, ance nell' ipotesi ... che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso." (Bersini F. Il Kiritto Canonico Matrimoniale Torino 1994 page 99).*

*Il-fatt li l-partijiet kienu bhal 'strangers' wara z-zwieg juri li ma kienux fehmu d-doveri essenzjali taz-zwieg.*

*Illi fil-kawza fuq imsemmija gie ddikjarat:*

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-societa u bla dubbju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett. Iz-zwieg ghas-socjeta mhux rabta coff izda rabta ghoqda u biex jinhall ghandhom jikkonkorru b' mod univoku u bla dubbju r-rekwiziti tal-ligi. Ghall-Qorti n-nullita hija haga serjissima w eccezzjonali bbazata fuq ir-rikwiziti legali u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*
*Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-partijiet ma kienux fehmu l-"mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable characteristics of marriage".*

Illi din il-Qorti, wara li kkunsidrat il-fatti kollha tal-kaz jirrizultalha li il-konvenuta kellha dik il-biza' li trid il-ligi u li

diga giet spjegata dettaljatament aktar il-fuq u ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Awissu, 1987 huwa null. Dan huwa konfermat mill-biza' reverenzjali li l-konvenuta kellha lejn ommha, lejn l-istess attur u oltre dan il-pressjoni li kienet qeghda kontinwament issirilha *sia* mill-attur u *sia* minn ommha, w allura l-istess zwieg huwa null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a**) u wkoll jirrizulta li hemm bazi ta' annullament taz-zwieg skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta** inkwantu huma nkompatibbli ma dak fuq premess **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Awissu, 1987 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-ispejjez tal-kawza jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**11 ta' Dicembru, 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**11 ta' Dicembru, 2002**